Australian Government

Department of Health

**Lezzjonijiet għall-Awstralja miż-żieda fil-każi ta' COVID-19 f'Melbourne**

Iż-żieda riċenti fil-każijiet ġodda ta' COVID-19 f'lokalitajiet ta' Melbourne hija diżappuntanti għalkemm dejjem stennejna aktar każijiet. Din hija tfakkira importanti għall-pajjiż kollu.

Huwa importanti ħafna li nitgħallmu l-lezzjonijiet minn dawn iż-żidiet, għax inkella nkunu qed nirriskjaw li naraw ħafna iktar każijiet madwar l-Awstralja u npoġġu f'periklu kbir dak li lkoll ħdimna għalih b'tant diffikultà biex nirbħu l-ġlieda tagħna kontra COVID-19.

Messaġġ importanti li nixtieq insostni huwa li, minkejja s-suċċess tagħna fil-ġlieda kontra COVID-19, m'aħniex fi stadju fejn nistgħu mmorru lura u ngħixu ħajjitna kif kienet qabel il-pandemija fl-Awstralja. Il-virus għadu magħna, u se jibqa' għal xi żmien pjuttost twil - u s-sitwazzjoni internazzjonali qed tkompli tmur għall-agħar, mhux aħjar.

Iż-żieda f'Victoria turi kemm huwa faċli biex iseħħu tifqigħat oħra jekk ma nkomplux nipprattikaw id-distanza fiżika u l-iġjene tajba, u li nibqgħu d-dar meta nkunu morda. Hija wkoll tfakkira tal-importanza li nniżżlu l-app COVIDSafe sabiex l-awtoritajiet tas-saħħa jkunu jistgħu jsibu l-kuntatti mill-qrib ta' nies ikkonfermati li qabtithom COVID-19.

Iktar ma d-"ditektivs tal-marda" jkunu jistgħu jsibu dawn il-kuntatti mill-qrib malajr, aktar ikunu jistgħu jipprevjenu l-firxa tal-virus malajr.

Mela x'tgħallimna miż-żieda fil-każijiet f'Melbourne? Numru sinifikanti tal-każijiet ġodda huma konnessi ma' laqgħat tal-familja.

X'jgħidilna dan? Jidher li xi Awstraljani ma japprezzawx li COVID-19 jista' jkun perikoluż, anke fost nies li jafu sew - inklużi membri tal-familja.

Hekk kif ir-restrizzjonijiet ta' COVID-19 battew u aktar nies jistgħu jiltaqgħu fid-djar u postijiet bħal lukandi u ristoranti, xi Awstraljani qed jagħżlu li ma jissoċjalizzawx f'distanza fiżika sikura. Dan ipoġġi f'riskju membri oħra tal-familja, tipikament ixjeħ, li huma iktar vulnerabbli u suxxettibbli għall-effetti ta' COVID-19, kif ukoll il-komunità in ġenerali.

Mela jekk jogħġobkom, jekk se tiltaqgħu mal-ħbieb biex tixorbu jew tieklu flimkien f'xi post jew fid-dar ta' xi ħadd, kunu żguri li tagħmlu dan mingħajr periklu billi żżomm distanza fiżika xierqa.

Inħeġġiġkom taqsmu dan il-messaġġ importanti mal-membri tal-familja, ħbieb, ġirien, u permezz tan-netwerks tal-komunità u tan-negozju tagħkom.

Iż-żieda fil-każijiet f'Victoria tgħidilna wkoll li għandna bżonn inkomplu naħdmu biex inwasslu l-messaġġi ewlenin li nipprattikaw id-distanza fiżika u l-iġjene tajba u biex inniżżlu l-app COVIDSafe, fil-komunitajiet fejn l-Ingliż mhuwiex l-ewwel lingwa mitkellma jew moqrija.

Sar ħafna sforz biex jiġi żgurat li l-komunitajiet multikulturali tagħna jinżammu aġġornati hekk kif il-pandemija COVID-19 imxiet 'il quddiem.

Pereżempju, informazzjoni ewlenija biex tgħin individwi, familji u negozji ġiet tradotta fi 63 lingwa.

Kien hemm aktar minn 900,000 żjara unika lill-paġna *COVID-19 Information in your language* (informazzjoni bil-lingwa tiegħek) minn meta tnediet il-websajt.

Id-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Commonwealth, permezz tal-uffiċjali ta' kollegament tal-komunità tiegħu, għamel kuntatt ma' gruppi tal-komunità multikulturali iktar minn 4300 darba nazzjonalment mill-bidu tal-pandemija.

Lil hinn minn dan, huwa ċar li xi nies jistgħu jkunu mħassba bla bżonn dwar l-ittestjar għal COVID-19. Mela ħalli nassigura lin-nies fuq xi aspetti: li tiġi ttestjat fi Klinika respiratorja ffinanzjata mill-Gvern Awstraljan u mmexxija mit-tobba hija assolutament bla ħlas – u m'għandekx bżonn il-kard tal-Medicare.

Għad hemm triq twila biex negħlbu COVID-19, u issa mhux iż-żmien għall-kompjaċenza. Mela komplu pprattikaw id-distanza fiżika u l-iġjene tajba. U jekk jogħġobkom, ibqgħu d-dar jekk ma tħossukomx f'sikkittkom.

**Uffiċjal Prinċipali tal-Infermiera u l-Qwiebel tal-Gvern Awstraljan, Alison McMillan**